



Kunsill Ewropew

Brussell, 1 ta' Frar 2024
(OR. en)

EUCO 2/24

CO EUR 2
CONCL 1

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew (1 ta' Frar 2024) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

Il-Kunsill Ewropew sellem il-memorja tal-eks President tal-Kummissjoni Jacques Delors, li miet fis-27 ta' Diċembru 2023. Huwa kien forza li xprunat il-proġett Ewropew, u kellu rwol ewlieni fil-bini tal-Unjoni Ewropea kif nafuha llum.

*

* *

QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI 2021-2027

Il-Kunsill Ewropew laħaq qbil dwar ir-reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 kif deskritt hawnhekk. Iċ-ċifri kollha, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor, huma fi prezzijiet kurrenti.

Appoġġ għall-Ukrajna

1. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-hteġa li jiġi żgurat, flimkien mas-sħab, appoġġ finanzjarju stabbli, prevedibbli u sostenibbli għall-Ukrajna għall-perjodu 2024-2027. Ser tiġi stabbilita Faċilità għall-Ukrajna għall-perjodu 2024-2027, biex jingħata kontribut għall-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-pajjiż, jitrawmu l-koeżjoni soċjali u l-integrazzjoni progressiva fl-Unjoni, bil-ħsieb ta' sħubija futura possibbli fl-Unjoni.
2. Għall-perjodu 2024-2027, is-somma tar-riżorsi globali disponibbli mill-Faċilità mhux ser taqbeż EUR 50 biljun, li minnhom:
 - i) EUR 33 biljun fil-forma ta' self garantit bl-estensjoni sal-2027 tal-garanzija tal-baġit eżistenti tal-Unjoni, lil hinn mil-limiti massimi, għall-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna disponibbli sa tmiem l-2027;
 - ii) EUR 17-il biljun fil-forma ta' appoġġ mhux ripagabbli, taħt strument tematiku ġdid ir-Riżerva għall-Ukrajna, stabbilit lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP 2021-2027. Dħul potenzjali jista' jiġi ġġenerat skont l-atti legali rilevanti tal-Unjoni, rigward l-użu ta' dħul imprevist minn entitajiet privati li jirriżulta direttament mill-assi immobilizzati tal-Bank Ċentrali tar-Russja.

3. Sabiex jiġi ottimizzat l-użu tal-ammonti disponibbli, l-approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mhux użati taħt dan l-istrument ser jiġu riportati awtomatikament għas-sena ta' wara. Il-porzjon tal-ammont annwali li jirriżulta mis-sena preċedenti ser jintuża l-ewwel.
4. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li titrawwem is-sjieda min-naħa tal-Ukrajna tal-isforzi tagħha għall-irkupru u r-rikostruzzjoni permezz ta' Pjan li għandu jitħejja mill-Gvern Ukren u li ser jistabbilixxi l-aġenda tal-Ukrajna għar-riformi u l-investiment fi triqitha lejn l-adeżjoni mal-UE. Ser titħeġġeġ bil-qawwa l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli fl-isforz ġenerali tal-Ukrajna għall-irkupru u r-rikostruzzjoni minn donaturi barra l-Unjoni Ewropea, anke qabel l-adozzjoni tal-Pjan.
5. Prekondizzjoni għall-appoġġ għall-Ukrajna permezz tal-Faċilità għandha tkun li l-Ukrajna tkompli tiddefendi u tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inkluż sistema parlamentari multipartitika, u l-istat tad-dritt, u li tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, fosthom id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Fl-implimentazzjoni tal-Faċilità, il-Kummissjoni u l-Ukrajna għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess u l-irregolaritajiet.
6. Il-Kunsill ser ikollu rwol ewlieni fil-governanza tal-Faċilità għall-Ukrajna. F'dan is-sens, għandha tiġi adottata, b'maġġoranza kwalifikata, Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill għall-adozzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna u l-emendi għalih u għall-approvazzjoni u s-sospensjoni tal-pagamenti abbażi tal-valutazzjonijiet u l-proposti rilevanti mill-Kummissjoni.
7. Abbażi tar-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Ukrajna, il-Kunsill Ewropew ser ikollu dibattitu kull sena dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità bil-ħsieb li jipprovd i gwida. Jekk meħtieġ, fi żmien sentejn il-Kunsill Ewropew ser jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta għar-rieżami fil-kuntest tal-QFP il-ġdid.

Intestaturi 4 u 6 - Migrazzjoni u d-Dimensjoni esterna

8. Il-migrazzjoni hija sfida Ewropea li teħtieġ rispons Ewropew.
9. Sabiex jingħata finanzjament suffiċjenti b'appoġġ għall-Istati Membri fil-ġestjoni tal-isfidi u l-bżonnijiet urġenti relatati mal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri fl-Istati Membri l-aktar esposti, kif ukoll f'dawk affettwati mill-gwerer fl-Ukrajna u fil-Lvant Nofsani, u għall-implimentazzjoni tal-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ladarba jiġi adottat, inkluż il-proċeduri l-ġodda fuq il-fruntieri ser tissaħħaħ l-Intestatura 4 b'EUR 2 biljun.
10. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-użu potenzjali tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-bżonnijiet marbuta mal-migrazzjoni. Għal dak l-għan, huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tassisti lill-Istati Membri jisfruttaw din il-possibbiltà.
11. Sabiex l-Unjoni tkun tista' tipprovdi l-appoġġ meħtieġ f'kuntest ta' tensjoni ġeopolitika straordinarja, il-prijoritajiet tal-Intestatura 6 ser jissaħħu b'EUR 7.6 biljun. Dan ser jgħin fiż-żamma ta' kooperazzjoni effettiva dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi terzi, inkluż l-appoġġ għar-refuġjati Sirjani fit-Turkija u fir-reġjun usa' kif ukoll il-kontinwazzjoni tal-azzjonijiet li ttieħdu qabel permezz tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika. Dan ser jgħin ukoll biex ikunu appoġġati l-Balkani tal-Punent, il-viċinat tan-Nofsinhar u l-Afrika, inkluż is-sħubijiet u l-finanzjament marbuta mar-rotot tal-migrazzjoni. Għandu jiġi żgurat finanzjament suffiċjenti għar-riżerva tal-NDICI.

Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi Għall-Ewropa (STEP)

12. Jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea tiżgura s-sovranità u l-kompetittività tagħha f'setturi strateġiċi billi ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-produttività tagħha, timmobilizza l-finanzjament, tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi tagħha, tinvesti fil-ħiliet tal-futur u tagħmel il-bażi ekonomika, industrijali u teknoloġika tagħha adatta għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u tissalvagwardja l-koeżjoni u l-kundizzjonijiet ekwivalenti fis-Suq Uniku. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ingranagħ tal-istrumenti ta' finanzjament eżistenti tal-UE biex l-appoġġ finanzjarju jintuża malajr għal investimenti f'teknoloġiji kritiċi.

Għal dan l-għan, l-użu tal-finanzjament disponibbli ser jiġi ffaċilitat u ser jinħolqu sinerġiji fost l-istrumenti ta' finanzjament biex jiżdied l-appoġġ għat-teknoloġiji kritiċi. Għal dak l-għan, għall-prijoritajiet STEP taħt il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, ser tapplika rata ta' kofinanzjament ta' 100 % u prefinanzjament ta' 30 %.

13. Sabiex tingħata spinta lill-kapaċità tal-investment fid-difiża, EUR 1.5 biljun addizzjonali ser jiġu allokat għall-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) fl-Intestatura 5.
14. Fl-aħħar nett, biex tittaffa l-pressjoni amministrattiva fuq l-Istati Membri biex ikunu jistgħu jipprogramaw mill-ġdid biex jilhqqu l-oġġettivi STEP u jiżguraw għeluq ordnat tal-programmi, l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni finali għal pagament interim u d-dokumenti relatati fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għandha tiġi estiża bi 12-il xahar u ser tiġi applikata rata ta' kofinanzjament ta' 100 % għan-nefqa ddikjarata fis-sena kontabilistika finali.

Pagamenti ta' imgħax ta' Next Generation EU

15. Sabiex jiġi sodisfatt l-obbligu legali tal-Unjoni li tħallas fil-ħin u b'mod sħiħ l-imgħax ta' NGEU, bil-ħsieb li jiġu ssupplimentati, jekk ikun meħtieġ, id-dispożizzjonijiet attwali fl-Intestatura 2b), il-mekkaniżmu ta' kaskata li ġej ser jiżgura li l-ammonti meħtieġa jkun disponibbli biex jitħallsu l-kostijiet tal-imgħax u tal-pagamenti tal-kupuni dovuti.

16. Pass 1: il-linja baġitarja eżistenti EURI fl-Intestatura 2b) fil-baġit annwali ser tintuża kollha.

Pass 2: jekk il-kost tal-pagamenti tal-imgħax ta' NGEU ma jkunx jista' jitħallas mil-linja baġitarja eżistenti tal-EURI fl-Intestatura 2b), ser jintalab finanzjament, fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali, biex ikopri parti sostanzjali tal-ammonti meħtieġa, kemm jista' jkun, bil-ħsieb li bħala parametru referenzjarju jiġi mobilizzat ammont ekwivalenti għal madwar 50 % tal-eċċess fil-kost tal-pagamenti tal-imgħax ta' NGEU. Għal dak l-għan, ser jittieħed mill-ispazju maħluq mill-implimentazzjoni baġitarja tal-programmi u l-prijoritizzazzjoni mill-ġdid, kif ukoll ta' strumenti speċjali mhux tematiċi (l-Istrument ta' Flessibbiltà u l-Istrument ta' Marġini Uniku), f'konformità mar-regoli settorjali applikabbli u obbligi legali oħra, b'kont meħud tal-prijoritajiet u tal-ibbaġitjar prudenti. Pakketti nazzjonali ta' Stati Membri li ġew impenjati legalment, b'mod partikolari dawk fil-PAK u l-politika ta' koeżjoni, mhux ser jiġu affettwati mir-riallokazzjonijiet u l-prijoritizzazzjoni mill-ġdid imsemmijin f'dan il-paragrafu.

Pass 3: ser jiġi introdott strument ġdid lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP. Dan l-istrument ser ikun eċċezzjonali u limitat biex jindirizza s-sitwazzjoni fejn l-operazzjonijiet ta' teħid b'self għal NGEU għadhom għaddejjin f'ċirkostanzi tas-suq li qed jevolvu.

Dan l-istrument ser jiġi mobilizzat biss jekk ikun meħtieġ aktar finanzjament wara l-passi 1 u 2. Kull sena dan l-istrument l-ewwel ser jimmobilizza ammont sal-ekwivalenti għall-ammont ta' diżimpenji mis-snin preċedenti mill-programmi tal-Unjoni, li ma jiġux riportati skont leġislazzjoni speċifika oħra applikabbli. Id-diżimpenji tal-appropriazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dħul assenjat estern mhux ser jitqiesu għall-mobilizzazzjoni tal-istrument.

F'sitwazzjoni mhux mistennija fejn eċċess ikun għadu pendent, il-Kummissjoni ser tipproponi li timmobilizza appropriazzjonijiet addizzjonali permezz tal-istrument bħala garanzija ta' kontinġenza.

17. Fil-kuntest tal-proċedura baġitarja annwali, il-Kunsill, qabel ma jadotta l-pożizzjoni tiegħu dwar il-baġit annwali, ser jivvaluta jekk is-soluzzjoni ta' finanzjament għall-kostijiet tal-pagamenti tal-imgħax ta' NGEU skont il-passi 1 sa 3, u, jekk applikabbli, il-mobilizzazzjoni tal-garanzija ta' kontinġenza, humiex xierqa.

Jekk il-Kunsill iqis li l-mobilizzazzjoni tal-garanzija ta' kontinġenza mhijiex xierqa, ser jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid il-proposta tagħha bl-oġettiv li jiżdied l-ammont mobilizzat fil-proċedura baġitarja annwali. Il-Kunsill ser jagħti attenzjoni partikolari lil-livell ta' diżimpenji mobilizzati fil-pass 3 f'każ li dan il-livell jilħaq EUR 5 biljun f'sena jew aktar minn EUR 15-il biljun b'mod kumulattiv matul is-snin 2025-2027.

18. Jekk, b'mod eċċezzjonali, Stat Membru wieħed jew aktar iqisu li hemm tħassib serju bil-mobilizzazzjoni tal-garanzija ta' kontinġenza, jistgħu jitolbu lill-President tal-Kunsill Ewropew biex jirreferi l-kwistjoni lill-Kunsill Ewropew li jkun imiss.
19. L-istrument il-ġdid huwa eċċezzjoni u limitat għad-durata tal-QFP attwali. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-QFP li jmiss.
20. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-impenn skont it-Trattati li jiżgura li jkun hemm il-mezzi finanzjarji disponibbli sabiex jippermettu lill-Unjoni tissodisfa l-obbligi legali tagħha fir-rigward ta' partijiet terzi.
21. Il-limitu massimu għall-ammont globali tal-Istrument ta' Flessibilità ser jiżdied b'EUR 2 biljun.

Strumenti Speċjali

Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza

22. L-ammont massimu tar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza (SEAR) ser jiżdied għal EUR 1.5 biljun.

23. Fid-dawl tad-diżastri naturali li seħħew fit-territorju Ewropew u d-diżastri naturali u l-kriżijiet umanitarji f'pajjiżi terzi u sabiex jiġi evitat li prijoritajiet jidħlu f'kompetizzjoni bejniethom, ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR) għandha tinqasam f'żewġ strumenti separati kif ġej:
- i) ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea ser ikollha ammont ta' EUR 800 miljun fis-sena miżjud b'EUR 216-il miljun fis-sena (fi prezzijiet tal-2018) għal assistenza b'rispons għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza koperti mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea;
 - ii) ir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza ser ikollha ammont ta' EUR 400 miljun fis-sena miżjud b'EUR 108 miljun fis-sena (fi prezzijiet tal-2018) għal reazzjonijiet rapidi għal ħtiġijiet speċifiċi ta' emerġenza fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi.
24. L-ammonti annwali mhux użati għar-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea u għar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza li ser jiskadu skont ir-regoli fis-seħħ ser isiru disponibbli għall-użu fl-Istrument ta' Flessibbiltà fis-sena ta' wara.

Riżorsi Proprji Ġodda

25. Kif maqbul fl-2020, l-Unjoni ser tkompli taħdem lejn l-introduzzjoni ta' Riżorsi Proprji Ġodda. Ir-rikavati mir-Riżorsi Proprji Ġodda introdotti wara l-2023 ser jintużaw għall-ħlas lura antiċipat tas-self tal-NGEU.

Impatt fuq il-pagamenti

26. Biex jiġi previst livell adegwat ta' approprjazzjonijiet ta' pagament li jaqbel mal-livell miżjud ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, il-limitu massimu komplessiv f'approprjazzjonijiet ta' pagament tal-Istrument ta' Marġini Uniku ser jinżamm iżda ser jiġi aġġustat billi jiġi ttrasferit il-limitu massimu meħtieġ tal-2025 biex l-Unjoni tkun tista' tkopri l-ħtiġijiet imbassra fl-2026.

Elementi li jnaqqsu l-impatt fuq il-baġits nazzjonali

27. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-isfidi baġitarji li l-Unjoni u l-Istati Membri qed jiffaċċjaw f'kuntest ta' kriżi ripetuta, taqlib ġeopolitiku u inċertezza.
28. Il-prijoritajiet identifikati f'din ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu għalhekk ser jiġu ffinanzjati parzjalment kif ġej:
29. Ammont ta' EUR 10.6 biljun ser jiġi assenjat mill-ġdid għall-prijoritajiet imsemmija hawn fuq filwaqt li ma tiddgħajef ebda prijorità politika fil-QFP attwali:
 - a) EUR 4.5 biljun li minnhom EUR 2.6 biljun ta' użu mill-ġdid ta' diżimpenji fl-NDICI u l-IPA u EUR 1.9 biljun magħmula disponibbli mir-riżerva tal-NDICI, bħala riżultat tal-inklużjoni fil-Faċilità għall-Ukrajna tal-kost tal-appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna deċiż fl-2022, ser jappoġġaw il-prijoritajiet il-ġodda ffinanzjati minn dawn il-programmi;
 - b) EUR 2.1 biljun ser jiġu riallokati minn Orizzont Ewropa għall-perjodu 2021-2027 u ser jintużaw għall-benefiċċju tal-programmi identifikati f'din ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu;
 - c) EUR 0.6 biljun ser jiġu riallokati mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit;
 - d) L-ammont annwali għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ser jitnaqqas għal EUR 30 miljun (prezzijiet tal-2018) mill-2024, li jwassal għal iffrankar globali ta' EUR 1.3 biljun matul il-perjodu 2021-2027, inkluż l-ammonti li skadew fl-2021-2023;
 - e) EUR 1.1 biljun ser jiġu riallokati mill-komponenti tal-ġestjoni diretta tal-PAK u tal-Fondi ta' Koeżjoni, mingħajr preġudizzju għall-QFP li jmiss. Ebda pakkett nazzjonali tal-Istati Membri mhu ser jiġi affettwat;
 - f) EUR 1 biljun ser jiġu riallokati mill-programm l-UE għas-Saħħa.

Sommarju

30. Il-Kunsill Ewropew jaqbel dwar it-tisħiħ tal-prijoritajiet il-ġodda b'EUR 64.6 biljun (li minnhom EUR 33 biljun f'self u EUR 10.6 biljun f'riallokazzjonijiet), kif ġej:

+	<i>EUR 50 biljun għall-Ukrajna (EUR 17-il biljun f'għotjiet u EUR 33 biljun f'self)</i>
+	<i>EUR 2 biljun għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Fruntieri (l-Intestatura 4)</i>
+	<i>EUR 7.6 biljun għall-Viċinat u d-Dinja (l-Intestatura 6)</i>
+	<i>EUR 1.5 biljun għall-Fond Ewropew għad-Difiża taħt l-istrument il-ġdid STEP (Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa)</i>
+	<i>EUR 2 biljun għall-Istrument ta' Flessibbiltà</i>
+	<i>EUR 1.5 biljun għar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna</i>

Tabella 1

L-ammonti huma f'biljuni ta' EUR

Reviżjoni ta' nofs it-terminu skont il-priorità		
PRIJORITAJIET		PEC 4
Ukrajna	Għotjiet u proviżjonament	17.0
	Self	33.0
	Total Ukrajna	50.0
Migrazzjoni/ sfidi esterni	Intestatura 4	
	Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)	0.8
	Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (BMVI)	1.0
	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil	0.2
	Total Intestatura 4	2.0
	Intestatura 6*	
	Refuġjati Sirjani (is-Sirja, il-Ġordan, il-Libanu)	1.6
	Refuġjati Sirjani (it-Turkija)	2.0
	Viċinat tan-Nofsinhar	2.0
	Balkani tal-Punent	2.0
	Total Intestatura 6	7.6
	Total Migrazzjoni u d-dimensjoni esterna	9.6
STEP	Fond għall-Innovazzjoni	
	InvestEU	
	Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni taħt Orizzont Ewropa	
	Fond Ewropew għad-Difiża	1.5
	STEP totali	1.5
Kostijiet tal-finanzjament NGEU - mekkaniżmu ta' kaskata Amministrazzjoni		0.0
Strument ta' Flessibbiltà		2.0
Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR)		1.5
TOTAL GĦOTJIET		31.6
TOTAL SELF		33.0
TOTAL PRIJORITAJIET		64.6
RIALLOKAZZJONIJIET		
	Pagamenti ta' imgħax mill-baġits nazzjonali (AMF+)	0.0
	Riallokazzjonijiet fl-Intestatura 4	0.0
	Riallokazzjonijiet fl-Intestatura 6	4.5
	Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-ħaddiema ssensjati	1.3
	Riallokazzjonijiet minn Orizzont Ewropa	2.1
	Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit	0.6
	Programmi ta' Koeżjoni/PAK ġestiti ċentralment	1.1
	Riallokazzjonijiet mill-Intestatura 2 - EU4Health	1.0
TOTAL RIALLOKAZZJONIJIET		10.6
TOTAL FLUS ĠODDA		21.0

* Kif imsemmi fil-paragrafu 10 tad-dokument 23/23.

*

* *

UKRAJNA

31. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu u jafferma mill-ġdid l-impenn sod tal-Unjoni Ewropea li tkompli ttipprovdi appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku b'saħħtu lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn.
32. Il-Kunsill Ewropew itenni d-determinazzjoni tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri li jkomplu jipprovdu appoġġ militari f'waqtu, prevedibbli u sostenibbli lill-Ukrajna, b'mod partikolari permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi u l-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE, kif ukoll permezz ta' assistenza bilaterali diretta minn Stati Membri, skont il-ħtiġijiet tal-Ukrajna. Huwa ser ikompli jeżamina l-kwistjoni.
33. Il-Kunsill Ewropew eżamina l-ħidma fil-Kunsill dwar l-appoġġ militari għall-Ukrajna taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi u ż-żieda proposta tal-limitu massimu finanzjarju ġenerali tagħha. Huwa jistieden lill-Kunsill biex jilħaq qbil sal-bidu ta' Marzu 2024 biex tiġi emendata d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 abbażi tal-proposta tar-Rappreżentant Għoli għal Fond ta' Assistenza għall-Ukrajna u l-modalitajiet ewlenin proposti, b'kont meħud tas-suġġerimenti tal-Istati Membri.
34. Il-Kunsill Ewropew itenni wkoll il-ħtieġa urġenti li jiġi aċċellerat it-twassil ta' munizzjon u missili, b'mod partikolari fid-dawl tal-impenn li l-Ukrajna tiġi pprovduta b'miljun balla ta' munizzjon tal-artillerija. Huwa jilqa' l-progress miksub u jappella lill-Istati Membri jesploraw l-għażliet kollha biex jissodisfaw il-bżonnijiet tal-Ukrajna u jaċċelleraw l-isforzi għal dak l-għan, inkluż id-donazzjonijiet kontinwi tal-istokkijiet, ir-ridirezzjonar tal-ordnijiet eżistenti u t-tqegħid tal-ordnijiet ġodda meħtieġa, li ser jikkontribwixxu biex tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija Ewropea.
35. L-appoġġ militari u l-impenji ta' sigurtà ser jiġu pprovduti b'rispett sħiħ tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri u filwaqt li jitqiesu l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.

36. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjoni tas-sigurtà u d-difiża, inkluż il-ħtieġa tal-Ewropa li ttejjeb l-istat ta' tħejjija ġenerali tagħha tad-difiża u tkompli ssaħħaħ il-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża tagħha, fil-laqgħa tiegħu li jmiss f'Marzu 2024, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar passi ulterjuri biex l-industrija Ewropea tad-difiża ssir aktar reżiljenti, innovattiva u kompetittiva.
37. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-qbil li ntlaħaq dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill dwar dħul imprevist miżmum minn entitajiet privati li jirriżulta direttament mill-assi immobilizzati tar-Russja biex jappoġġa lill-Ukrajna.

LVANT NOFSANI

38. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-aħħar żviluppi fil-Lvant Nofsani.

*

* *

39. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2020 dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità.
40. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-isfidi fis-settur agrikolu u t-tħassib imqajjem mill-bdiewa. Filwaqt li jfakkar fir-rwol essenzjali tal-Politika Agrikola Komuni, huwa jappella lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex javvanzaw il-ħidma kif meħtieġ. Il-Kunsill Ewropew ser ikompli jeżamina s-sitwazzjoni.
